MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2006

Citazzjoni Numru. 371/2004

**“A”**

**vs**

**“B”**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 2 ta’ Novembru 2005 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-attur izzewweg lill-konvenuta fl-24 ta’ Ottubru 1987 minn liema zwieg ghandhom zewgt itfal;

Illi l-kunsens tal-partijiet ghal dan iz-zwieg kien vizzjat b’ difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq il-hajja

mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha;

Illi l-kunsens tal-partijiet kien inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga;

Illi ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null skond it-termini tal-**artikolu 19 (1) (g)** u / jew **(d)** u /jew **(f)** tal-**Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet**;

Illi l-istess attur talab lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet fuq imsemmija:-

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntratt bejn l-attur u l-konvenuta huwa null u bla effett;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta li hija ngunta sabiex tidher in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, l-elenku tad-dokumenti u l-lista tax-xhieda a fol. 3 u fol. 4 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-affidavit tal-attur **"A"** minn fol. 6 sa fol. 17.

Rat l-affidavit ta' hu l-attur **"C"** minn fol. 21.

Rat l-affidavit ta' oht l-attur **"D"** minn fol. 22 sa fol. 24.

Rat id-digriet tal-affidavit moghti fid-9 ta' Dicembru 2004, fejn il-Qorti pprefiggiet lill-partijiet tlettin (30) gurnata sabiex jipprezentaw il-provi kollha li jistghu permezz tal-procedura tal-affidavit.

Rat n-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta datata 20 ta' Jannar 2005, a fol. 32, fejn ecipiet bir-rispett:-

1. Illi primarjament in-nullita tac-citazzjoni *stante* illi l-forma kif presentata ma hijiex bhal dik preskritta mill-ligi

fis-sens illi l-ewwel, wara d-dikjarazzjoni, kellha tigi l-lista tax-xhieda u mhux il-lista tad-dokumenti;

2. Illi t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez *stante* illi kontrarjament ghal dak allegat fl-att tac-citazzjoni, ma hux minnu illi z-zwieg kontrattat bejn il-kontendenti kien wiehed vizjat b' difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-dmirijiet essenzjali tieghu jew li l-kunsens tal-partijiet kien ivvizzjat peress li nkiseb bl-eskluzzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u dan peress illi filwaqt li l-konvenuta dejjem kienet konsapevoli mill-obbligi matrimonjali, u tizzewweg lill-attur li kieku dan wera xi sinjal simili qabel iz-zwieg, kellhom aktar minn wild wiehed *di pui* l-attur innifsu huwa bniedem istruit fil-ligi, igradwa qabel iz-zwieg u kien jaf ben tajjeb x' inhuma u f' hix jikkonsistu l-elementi kollha li jsawru z-zwieg u ghalhekk ma hux gust li issa jibbaza t-talbiet odjerni fuq tali premessi;

3. Illi fil-mertu r-raguni wara din it-talba hija l-voglia li l-attur jibda hajja gdid ma' terza persuna u ghalhekk ma ghandux ikun il-kaz li minhabba ripesnament unilaterali l-frott tar-relazzjoni bejn il-kontendenti jigi dikjarat null u inesistenti;

4. Illi fil-mertu wkoll, jekk din l-Onorabbli Qorti hija tal-fehma li dan iz-zwieg ghandu jigi dikjarat null, kull divjet skond il-ligi ghandu jinkombi biss lill-attur *stante* illi kien hu stess, li kif issa qieghed jirrizulta bl-aktar mod car, kisser iz-zwieg, dahaq bil-konvenuta u kellu ripensament ghal dak li kien jaf b' tant kjarezza s-sinifikat tieghu;

5. Illi salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuta u l-lista tax-xhieda a fol. 33 u fol. 34 tal-process.

Rat in-nota tal-konvenuta **"B"** datata 28 ta' Jannar 2005, a fol. 36, li permezz taghha prezentat l-affidavit taghha, ta' missierha **"E"**, ta' ommha **"F"** u taz-zija taghha **"G"**.

Rat in-nota tal-attur datata 1 ta' Frar 2005, a fol. 47.

Rat in-nota tal-attur datata 7 ta' Frar 2005, a fol. 48, li permezz taghha ddikjara li ma kien hemm l-ebda kawza pendenti quddiem it-Tribunal Ekklezjasstiku.

Rat il-verbal datat 5 ta' April 2005 fejn il-Qorti nnominatat lil Dr. Kenneth Gulia bhala Assistent Gudizzjarju biex jiffissa zewg seduti ghall-provi kollha tal-partijiet.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Kenneth Gulia fil-25 ta' Mejju 2005 fejn il-konvenuta **"B"** xehdet in kontro-ezami u xehed l-attur **"A"** u fis-7 ta' Lulju 2005 fejn l-attur **"A"** xehed in kontro-ezami.

Rat in-nota ta' l-attur datata 30 ta' Awissu 2005, li permezz taghha rtira l-premessa li l-annullament huwa null a bazi ta' l-**artikolu 19 (1) (g) ta' l-Att dwar iz-zwieg**.

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet ta' l-attur datata 30 ta' Awissu 2005 minn fol. 64 sa fol. 73.

Rat il-verbal datat 11 ta' Ottubru 2005, fejn il-Qorti ordnat lill-attur biex jinnotifika n-nota ta' sottomissjonijiet lill-kontro-parti li kellu erbghin (40) gurnata biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-28 ta' Frar 2006.

Rat in-nota responsiva tal-konvenuta datata 26 ta' Ottubru 2005.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

### <u>(I) PRINCIPJI LEGALI.</u>

Illi l-attur jissottometti illi z-zwieg bejnu u bejn il-konvenuta ghandu jigi dikjarat null *inter alia* abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** u dan ghar-ragunijiet imputabbli liz-zewg

partijiet. L-istess artikolu jghid li hemm kaz ta' nullita' taz-zwieg :-

*"(d) jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga, jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg".*

Illi dwar dan is-sub-artikolu din il-Qorti kif presjeduta diga' kellha okkazjoni tezaminah, u ghalhekk taghmel referenza ghas-sentenza **"Joseph Borg vs Maria Nicolina Cutajar gia` Borg"** (Cit. Nru. 1564/97/RCP – deciza fil-21 ta' Ottubru 1999) u ghall-principji hemm enuncjati.

Illi fis-sentenza **"Kevin Spiteri vs Avukat Dr Renzo Porella Flores et noe"** (Cit. Nru. 2443/97/RCP – deciza 18 ta' Jannar 2000) il-Qorti ghamlet referenza ghall-espozizzjoni ta' ***Viladrich***:-

*"Thus, there is grave lack of discretion of judgement when it is proven that a contracting party lacks intellectual and volitional maturity necessary to discern, in view of binding oneself in an irrevocable manner, the essential rights and duties of marriage, which are the object of mutual surrender and acceptance. The discretion of judgement refers to that degree of maturity of comprehension and of will of the contracting parties which enables them to give and receive each other, through a juridical bond, in a unique community of life and love. This community is indissolubly faithful, ordered to the good of the spouses as well as to the procreation and education of the offspring"* ***(Viladrich, P.J.,*** **"Matrimonial Consent in Code of Canon Law Annotated."** (Montreal, 1993), p. 686).

Illi kwantu ghall-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabbilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Dawn huma *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union,*

*as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J.,** op.cit.,* pg. 687).

Illi wkoll fis-sentenza **"Alexandra sive Sandra Farrugia vs Raymond Farrugia"** (P.A. (VGD) 10 ta' Settembru 1997) inghad wkoll li:-

*"Kwantu ghad-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju – **Art. 19 (1) (d)** – biex ikun hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju jrid ikun hemm inkapacita' psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, jew li jiddeciedi liberalment, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali **("Isabelle Zarb vs Stephen Attard"** – P.A. 21 ta' Novembru 1995). Mhix ghalhekk kwistjoni ta' inkompatibilta' ta' karattru, jew ta' decizjoni jew decizjonijiet zbaljati. Il-paragrafu **(d)** ikompli jitkellem dwar "anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg". Il-Qorti tosserva li l-ligi taghna tirrikjedi mhux biss anomalija psikologika tkun wahda serja, izda li tkun taghmilha mpossibbli mhux sempliciment difficli, li wiehed jaqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg ossia jassumihom".*

Illi ghalhekk b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju l-legislatur ma riedx ifisser semplicement kwalsiasi stat ta' mmaturita` li parti jew ohra fiz-zwieg tista' tkun fiha fil-mument li jinghata l-kunsens reciproku **("Nicholas Agius vs Rita Agius gia Caruana"** – P.A. (VDG) tal-25 ta' Mejju,1995 ).

Illi li kieku l-legislatur irrikjeda maturita` shiha u perfetta, ftit jew addirittura ebda zwieg ma kien ikun validu. In-nuqqas ta' *"discretio judicii"* hu kuncett guridiku ntrinsikament marbut mal-kapacita` ta' parti jew ohra fiz-zwieg li taghti l-kunsens liberu u xjenti taghha ghar-rabta taz-zwieg. Kif jispjega l-gurista ***Colagiovanni*** meta sostna li:-

*"Il matrimonio, in quanto patto ossia "foedus" ……… richiede una capacita` intelletuale e volitiva al di sopra di ogni altro contratto che e` per lo meno rescindibile, in casi determinati dalla legge, richiede quindi una integrita` di mente e di liberta`, dato che ……… si tratta di assumersi una "servitus" per tutta la vita"* (**Forum**, 1990, Vol. 1 part I, p. 72).

Illi pero`, kif gja` nghad, b'immaturita` jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju d-dottrina u l-gurisprudenza *"non si riferiscono ad una piena e terminale maturita`, non esigono nei nubenti una conoscienza perfetta ed esaustiva di cio` che comporta il matrimonio, non richiedono una preveggenza chiara ed assoluta di cio` che puo compartare la vita coniugale, ne` un perfetto equilibrio volitivo-affettivo, ne` infine una conscienza perfetta delle motivazioni della scelta matrimoniale. Ecco perche` riesce piu` appropriato l' uso del termine discrezione di giudizio, che fa riferimento ad un certo discernimento ma non implica il raggiungimento di una maturita` piena"* ***(Pompedda, M.F.,*** **"Il Consenso Matrimoniale in Grocholewski" – Pompedda – Zagglia, "Il Matrimonio nel Nuovo Codice di Diritto Canonico"** (Padova, 1984), p. 46).

Illi kif gie affermat diversi drabi minn din il-Qorti, inkluz fis-sentenza **"Alessandra sive Sandra Mc Monagale qabel Mamo vs Mario Mamo"** (P.A. (VDG) 26 ta' Ottubru 2000) ikun hemm id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fis-sens tal-ewwel parti tal-paragrafu **(d)** imsemmi kemm-il darba jirrizulta li, *"fil-mument ta' l-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra tkun priva b'mod sostanzjali, ossia gravi, minn dik il-fakolta` kritiko-estimativa jew kritiko-valutativa dwar l-oggett tal-kunsens taz-zwieg, jew minn dik il-maturita` affettiva li hija presuppost ghal ghazla libera*

*dwar l-imsemmi oggett. Id-difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, ghalhekk, ma hux sempliciment nuqqas ta' hsieb, nuqqas ta' riflessjoni; anqas ma jfisser li wiehed jaghmel ghazliet jew jiehu decizjonijiet zbaljati – in fatti decizjoni jew ghazla zbaljata hi perfettament kompatibbli ma' diskrezzjoni ta' gudizzju" (ara,* ***"Emanuel Camilleri vs Carmen Camilleri",*** *P.A., 10 ta' Novembru 1995)".*

Illi l-istess sentenza tkompli tghid *"li parti fiz-zwieg ma tkunx fehmet sufficjentement, fis-sens li ma tkunx hasbet bizzejjed jew ma tkunx irriflettiet bizzejjed fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali tal-hajja mizzewga, ma jammontax necessarjament ghal difett (serju) ta' diskrezzjoni ta' gudizzju* ***("Selina-Maria Vella Haber vs Joseph Gatt",*** *P.A., 15 ta' April 1996)".*

Illi ghalhekk biex ikun hemm in-nuqqas jew difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju kif ravvizat fl-**artikolu 19 (1) (d)** irid ikun hemm l-inkapacita` psikika (mhux necessarjament anomalija psikologika fis-sens mediku / psikjatriku) jew kostituzzjonali li wiehed jaghraf u jirrifletti, u li jiddeciedi liberament, fuq l-oggett tal-kunsens matrimonjali (ara f'dan is-sens, fost ohrajn, **"Jacqueline Cousin vs Bernard Simler"**, P.A., 3 ta' Gunju 1998; **"Roseanne Cassar vs Kenneth Cassar",** P.A. 19 ta' Ottubru 1998; u **"Carmelo Grima vs Mary Andrews"**, P.A., 2 ta' Novembru 1998).

Illi proprju ghalhekk ukoll il-legislatur jirrikjedi li d-difett ta' diskrezzjoni jrid ikun wiehed serju u l-anomalija psikologika tkun wahda serja.

Illi kif jispjega ***Bersini***, d-diskrezzjoni ta' gudizzju tikkonsisti f'zewg elementi distinti izda konkorrenti u interdipendenti:-

*"La piena avvertenza e il deliberato consenso … … … La piena avvertenza si riferisce alla sfera intellettiva, il deliberato consenso a quella volitiva. In altri termini, la discrezione di giudizio comprende la maturita` di giudizio e la maturita` affettiva … … … La maturita` di giudizio comporta una conoscenza critica proporzionata all' atto da compiere, agli obblighi essenziali da assumersi e ai doveri coniugali che ne derivano proiettati nel futuro. La maturita`*

*affettiva comporta generalmente quella adequata evoluzione degli istinti, degli affetti, dei sentimenti, della emotivita` che se sono turbati o inadeguati intaccano direttamente la volonta` e possono privare della libera scelta interiore. Abbiamo cosi` una mancanza di consenso libero (immaturita` affettiva) e ponderato (immaturita` di giudizio)"* **(*Bersini, F.,* "Il Diritto Canonico Matrimoniale."** (Torino, 1994), p. 97).

Illi l-istess awtur, imbaghad ikompli jispjega dwar kemm irid ikun serju d-difett ta' diskrezzjoni biex wiehed ikun jista' jghid li hemm id-difett fil-kunsens u l-konsegwenti nullita` taz-zwieg:-

*"Se ci si chiede quale grado di discrezione di giudizio possa ritenersi proporzionato al matrimonio, rispondiamo anzitutto che, sia per la conoscenza intellettiva come per la deliberazione volitiva, dovra' essere maggiore di quello richiesto per peccare mortalmente e per stipulare gli altri contratti. Il motivo sta nel fatto che il consenso matrimoniale riguarda obbligazioni che si proiettano nel futuro ed e` ordinato all' assunzione di uno stato di vita che incide su tutta l' esistenza con un contratto perpetuo e irrescendibile che comporta una serie di gravi obblighi ad esso inerenti. Per dare un valido consenso, non e` sufficiente il grado di ragione col quale speculativamente uno sappia che cosa e` il matrimonio; e` necessaria la maturita` di giudizio capace di ponderare in concreto i doveri e i diritti che uno deve assumersi per tutta la vita. In altri termini, e` necessaria la discrezione non tanto per l' atto in se, al momento di emettere il consenso, quanto per gli impegni che da quell' atto derivano. Una discrezione che impegni per il futuro. Ovviamente si richiede una ponderazione degli impegni sostanziali del matrimonio e non di tutto il suo valore etico, religioso, sociale, giuridico ed economico, altrimenti ben pochi sarebbero in grado di emettere un valido consenso. Ogni volta che i contraenti abbiano raggiunto l' eta prescritta dal legislatore per poter contrarre matrimonio, si presume che essi siano in possesso della debita discrezione di giudizio; tale presunzione, tuttavia, ammette prove in contrario. Pertanto, qualora si possa dimostrate, per qualsiasi motivo,*

*la capacita` intellettiva e volitiva sopra descritta sia gravamente alterata o addirittura mancante, si dovra` ritenere che il vincolo matrimoniale sia nullo per difetto di discrezione di giudizio" (ibid.* pp. 97-98*).*

Illi hawnhekk il-Qorti, kif qalet fil-kawza **"Trudel Camilleri Balzan vs Wayne Camilleri"** (P.A. (RCP) 12 ta' Dicembru 2003, tixtieq tippreciza li ghazla libera, kunsens hieles, ghar-rabta taz-zwieg mhux sinonimu mal-kuncett ta' ghazla facli, u dan kif gja` gie ndikat fis-sentenzi fuq kwotati, tant li nghad li:-

*"… … ... se il sogetto non e` in grado di superare [i] condizionamenti interiori, allora si dira` che la scelta di lui non e` stata libera; lo sara` invece qualora pur pressato da tali impulsi provenienti dal proprio psichismo, da un' affettivita` non sufficientemente matura o anomala, e quindi anche di fronte a conflitti interiori, sara` stato capace di superarli, di dominarli razionalmente, di scegliere con autonomia ... ... ... In ogni caso, i nubenti debbono aver coscienza di assumere vere obbligazioni (e reciprocamente di concedere veri diritti) di creare cioe` col matrimonio un patto che vincola a un comportamento idoneo e adeguato alla specifica societa` coniugale, sia nei rigwardi dell' altra parte sia nei riguardi della prole" (**Pompedda, M.F.,*** **"Incapacita` di Natura Psichica in Matrimonio Canonico: Fra Tradizione e Rinnovamento."** (Bologna, 1991), pp. 231, 233).

Illi kwantu ghad-difett fil-kunsens dovut ghall-anomalija psikologika serja li taghmilha mpossibbli ghal dik il-parti li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, kif inghad fis-sentenza **"Carmelo Farrugia vs Josephine Haber"** (P.A. (RCP) 26 ta' Novembru 2002) *"il-ligi taghna, bhad-dritt kanoniku* ***{Can. 1095 (3)}*** *tirrikjedi mhux semplici diffikulta` izda mpossibilita` li wiehed jaqdi ossia jassumi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg. Inkapacita` jew impossibilita` vera f'dan il-kuntest hi ipotizzabbli biss fil-prezenza ta' anomalija psikologika serja li, independentement minn kif wiehed jaghzel li jiddefiniha jew jiklassifikaha fil-kamp tal-psikjatrija jew tal-psikologija,*

*tintakka sostanzjalment il-kapacita` "di intendere e/o di volere".*

*"L' incapacita` di assumere gli oneri essenziali della vita coniugale",* jghid ***Bersini***, *"rende la persona inabile al matrimonio, anche nell' ipotesi … … … che al momento di contrarre le nozze abbia avuto la discrezione di giudizio sufficiente per un valido consenso" (op. cit.,* p. 99).

Illi ghal dak li jirrigwarda l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg, din il-Qorti tifhem li, fin-nuqqas ta' definizzjoni jew indikazzjoni fil-**Kap. 255**, dawn l-obbligazzjonijiet essenzjali huma dawk li fis-socjeta` Maltija dejjem u nvarjabilment gew ritenuti bhala l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi dawn huma anke skond is-sentenza **"Angel Spiteri vs Joseph Spiteri"** (P.A. 4 ta' Novembru 1994) *"the obligation concerning the conjugal act or carnal union, as bodily union and basis of procreation; the obligation of the community of life and love as an expression of the union between man and woman, mutual well-being, which is inseparable from the provision of an environment conducive to the reception and education of children; and the obligation to receive and bring up children within the context of a conjugal community. It is important to remember that these essential obligations must be mutual, permanent, continuous, exclusive and irrevocable so that there would be incapacity if one of the contracting parties should be, due to a psychological cause, incapable of assuming these obligations with these essential characteristics" (**Viladrich, P.J**., op. cit.,* p. 687*).*

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Anthony Gaffiero vs Juanita Gaffiero nee' Sultana"** (P.A. (VDG) 17 ta' Novembru 2000 u **"Anna Galea vs John Walsh",** (P.A. (VDG) tat-30 ta' Marzu 1995). Inerenti, ghalhekk, f'dawn l-obbligazzjonijiet hemm l-obbligu tal-partijiet li jaghtu lilhom infushom lil xulxin fit-totalita` taghhom sabiex tigi stabbilita' bejniethom *"the community of life and love".*

Illi fl-ahharnett din il-Qorti taghmel referenza ghal dak li nghad fis-sentenza fl-ismijiet **"Nathalie O'Toole vs**

**Patrick O'Toole"** (P.A. (N.A.) 25 ta' Marzu 2002) fejn inghad li:-

*"Il-kunsens moghti fiz-zwieg skond din l-istess gurisprudenza mhuwiex dak il-kunsens semplici rikjest fil-kuntratt in generali ghaliex il-kuntratt taz-zwieg huwa wiehed "sui generis" u ta' ordni pubbliku. Illi ghalhekk il-partijiet f'kuntratt ta' zwieg mhux biss irid ikollhom il-kapacita' li jaghtu dak il-kunsens, izda li l-istess irid jigi moghti bl-aktar mod liberu u xjenti ghal dak kollu li tirrikjedi r-rabta taz-zwieg. Il-kuntratt taz-zwieg ghandu jigi apprezzat mhux biss bl-ghajnejn oggettivi tal-ligi, izda jrid isib is-sinifikat tieghu fir-relazzjonijiet ta' koppja u l-iskop ahhari taz-zwieg, cjoe' li tnejn minn nies jaghtu lilhom nfushom lil xulxin ad eskluzjoni ta' kollox u kulhadd. Meta ghalhekk ghal xi raguni jew ohra dak il-kunsens ma jkunx gie moghti bil-konoxxenza shiha ta' dak li jgib mieghu z-zwieg, allura jinholoq dubju kemm dak il-kuntratt matrimonjali huwa wiehed validu."*

Illi kif inghad fis-sentenza **"Al Chahid vs Mary Spiteri"** (P.A. (RCP) 5 ta' Gunju 2002) *inoltre* l-kunsens irid ikun wiehed tali li permezz tieghu l-parti li tesprimih trid tkun konxja ta' l-obbligi, d-dmirijiet u r-responsabbiltajiet li ggib maghha l-hajja mizzewga bhal ma huma l-elementi ta' unjoni permanenti, esklussiva w irrevokabbli.

Illi dawn il-principji kollha gew kkonfermati f'diversi sentenzi moghtija minn din il-Qorti nkluzi **"Maria Rita Calleja Vs Mohamed Ben Mohamed Khemiri"** (P.A. (RCP) 17 ta' Frar 2000); **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** (P.A. (RCP) 9 ta' Marzu 2000); **"Ousama Sadalah vs Doris Tanti"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000); **"Josephine Gabriel vs Dr. Georg Sapiano et nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) l-1 ta' Frar 2001); **"Mazen Dadouch vs Maria Dadouch xebba Galea"** (P.A. (RCP) 22 ta' Marzu 2002); **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002); **"Marco Tanti vs Catherine Azzopardi"** (P.A. (RCP) 30 ta' Mejju 2002); u **"Giulio Farrugia vs Raquel Anne Farrugia"** (P.A. (RCP) u hafna ohrajn decizi anke minn

din il-Qorti kif attwalment presjeduta u din il-Qorti taghmel riferenza wkoll ghall-istess.

Illi l-attur jirreferi wkoll ghall-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** li jipprovdi li hemm kaz ta' nullita' taz-zwieg meta:-

*"jekk il-kunsens ta' xi wahda mill-partijiet ikun inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg".*

Illi dan is-subartikolu gie diskuss u ezaminat fis-sentenza **"Nicolai Balzan vs Simone Cremona"** minn din il-Qorti kif presjeduta (Cit. Nru. 1019/98/RCP – deciza fid-9 ta' Marzu 2000) **u "Mark Spiteri vs Susan Margaret Spiteri"** (P.A. (RCP) 27 ta' Frar 2001) u a skans ta' ripetizzjoni qed issir referenza ghall-principji hemm enuncjati.

Illi huwa xorta wahda opportun li jigi citat dak li inghad fis-sentenza **"Theresa Taguri nee Spiteri vs Avukat Christopher Cilia et noe"** (Cit. Nru. 3130/96/NA – deciza P.A. (NA) fl-10 ta' Novembru 1999) fejn gie ritenut illi:-
*"Fl-interpretazzjoni ta' dan is-sub-inciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex neccesarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu mmedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens".*

Illi f'dan il-kuntest  il-ligi qeghda titkellem fuq is-simulazzjoni kemm dik totali kif ukoll dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Il-kunsens huwa il-qofol ta' kwalunkwe ftehim jew kuntratt specjalment il-kuntratt taz-zwieg. Wiehed jista` jghid illi z-zwieg jibda jezisti hekk kif il-partijiet jimmanifestaw il-kunsens taghhom. L-awtur ***F. Anzar Gil*** fil-ktieb tieghu: **"El nuevo derecho matrimonial canonico"** jaghti definizzjoni l-aktar approprjata tal-kunsens u specifikatament dak matrimonjali:-

"*Nel senso giuridico ampio viene chiamato conseno l'incontro di diverse volonta'  in ordine allo stesso obbligo.*

*Riferito alla celebrazione del matrimonio, il consenso puo' essere descritto come l'incontro della volonta di un uomo e di una donna in ordine alla costituzione dello stato coniugale.*"

Illi ghalhekk jekk dak il-kunsens ikun b'xi mod simulat allura dak ma jibqax wiehed validu. Izda meta nistghu nghidu illi l-kunsens ikun gie simulat? Jekk il-kunsens intern ta' persuna ma jkunx jaqbel mas-sinjali jew gesti esterni tal-istess, jew jekk dak illi persuna tkun qed tfisser bil-kliem ma jkunx jaqbel ma' dak li qed tahseb jew trid internament allura huwa ovvju illi dik l-azzjoni umana hija wahda simulata.

"*Simula quindi o finge la celebrazione del matrimonio colui che esternamente manifesta la propria volonta' di celebrarlo, mentre in realta', nell'interno della sua volonta non vuole la celebrazione del medesimo. Per la esistenza dunque della simulazione in senso proprio e' necessaria la divergenza cosciente e volontaria tra la manifestazione esterna del consenso matrimoniale e quello che si vuole nell'interno della volonta'*." (***J.F. Castano'*** - **Il Sacramento del Matrimonio**)

Illi l-ligi fl-**artikolu 19 (1) (f)** taghmel distinzjoni bejn is-simulazzjoni totali u dik parzjali tal-kunsens matrimonjali. Tezisti simulazjoni totali meta persuna teskludi iz-zwieg fit-totalita' tieghu bhala fethim bejn ragel u mara fejn jistabilixxu unjoni ghal hajjithom kollha bl-elementi kollha li tistabilixxi il-ligi ghall-kuntratt matrimonjali. Tezisti simulazzjoni parzjali meta persuna teskludi biss wahda jew aktar mill-elementi essenzjali rikjesti biex jigi stabbilit iz-zwieg bhal per ezempju, l-eskluzjoni tal-prokreazzjoni u trobbija tal-ulied, jew l-eskluzjoni tal-obbligu tal-fedelta` lejn il-parti l-ohra.

Illi ghalhekk biex wiehed jinvestiga il-validita' o meno tal-kunsens matrimonjali fil-kuntest tas-simulazzjoni, huwa necessarju illi l-volonta' tal-persuna li tkun tat dak il-kunsens tigi investigata. Il-ligi tistabbilixxi illi biex il-kunsens ikun gie simulat m’huwiex bizzejjed illi ikun hemm l-assenza tal-volonta' ghaz-zwieg, izda irid bil-fors

ikun hemm l-eskluzjoni pozittiva. Dan ifisser illi l-persuna li tkun qed taghti l-kunsens tissimula dak il-kunsens meta ikollha l-volonta` u x-xewqa li teskludi z-zwieg. M'huwiex necessarju illi tali eskluzjoni tigi manifestata esplicitament, izda jista` ikun illi mic-cirkostanzi kollha li jsegwu tal-hajja matrimonjali ikun car illi l-kunsens matrimonjali ikun gie simulat.

"*L'atto positivo della volonta non si identifica con l'intenzione* *<u>espressa</u>* *o* *<u>esplicita</u>**, ma l'atto della volonta puo' essere positivo ad essere manifestato* *<u>implicitamente</u>**. L'atto positivo puo' essere emesso anche con intenzione* *<u>implicita</u>* *vale a dire mediante* *<u>il modo di comportarsi</u>* *del soggetto che esclude, o mediante l'insieme delle circostanze della vita del medesimo soggetto. La volonta', oltre il modo espresso o esplicito di esprimersi, ha ancora altri modi di manifestarsi.* (***O. Giacchi*** - **Il consenso matrimoniale canonico**).

Illi tal-istess portata huma s-sentenzi **"Josette Lungaro mart Jesmond Lauro vs Jesmond Lauro"** (P.A. (RCP) - 1 ta' Frar 2001); **"Joseph Gabriel vs Dr. Georg Sapiano nomine"** (P.A. (RCP) 8 ta' Novembru 2000); **"Carmen El Shimi gja Tanti vs Ibrahim Mohamed Mohamed Ibrahim El Shimi"** (P.A. (NA) 20 ta' Gunju 2000); **"Mary Rose Abder Rahim vs Esam Abder Rahim"** (P.A. (NA) 31 ta' Mejju 2000); **"Ousama William Hfez Sadallah vs Doris Dalli"** (P.A. (RCP) 4 ta' April 2000) u **"Albert Grech vs Josette Grech"** (P.A. (RCP) 30 ta' April 2002 Cit Nru 793/01/RCP), u **"Joseph Mizzi vs Pauline Mizzi"** (P.A. (RCP) 1 t'Ottubru 2002 Cit Nru 50/02/RCP).

**<u>(II) APPREZZAMENT TAL-PROVI.</u>**

Illi f'dan il-kaz jidher car li l-istess konvenuta qed topponi ghal dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg u tirritjeni li l-istess zwieg bejn il-partijiet kien wiehed validu; anzi tghid li l-attur irid din id-dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg peress li llum il-gurnata ghandu relazzjoni ma' mara ohra. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti thoss u tirriaferma li anke fil-kaz fejn il-kontendenti jkunu qed jaqblu li hemm kaz ta' annullament taz-zwieg, izda qed jiccittaw ragunijiet

differenti ghal dan, xorta wahda din il-Qorti trid tkun konvinta li oggettivament hemm kaz veru ta' annullament taz-zwieg, u dan ghaliex hemm presunzjoni legali wkoll favur il-validita' taz-zwieg peress li l-istitut taz-zwieg huwa ta' ordni pubbliku u f'dan il-kuntest wiehed ihares lejn dak li inghad fis-sentenza **"Mary Caruana vs Angelo Caruana"** (P.A. (RCP) 30 ta' Novembru 2004).

Illi jista' jkun li tali dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg tkun konvenjenti ghall-partijiet jew ghal xi wiehed minnhom, specjalment meta l-konvivenza bejniethom ma tkunx aktar possibbli, tant li l-partijiet ikunu sseparaw anke legalment u iktar u iktar meta parti jew ohra tkun qed tghix ma' persuna ohra, izda f'kazi bhal dawn il-Qorti ma tistax toqghod ghall-konvenjenza tal-partijiet jew ta' xi parti, ghaliex altrimenti tkun qed tohloq rimedju mhux moghti mill-Ligi. F'dan is-sens din il-Qorti taqbel perfettament ma' dak li intqal f'dan ir-rigward fil-kawza ta' din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **"Carmel Farrugia vs Pauline Farrugia"** tat-28 ta' Gunju 1987.

Illi fil-kuntest ta' dan kollu l-ezami li trid taghmel din il-Qorti huwa dak li quddiem l-inkwadru ta' provi processwali esposti quddiemha tara jekk tali provi jikkonvincux lill-gudikant li saret il-prova necessarja skond il-vot tal-ligi ghad-dikjarazzjoni rikjesta ta' annullament taz-zwieg, ghaliex zwieg ma jistax jigi annullat fuq semplici xewqa tal-partijiet izda abbazi tar-rekwiziti legali stabiliti mill-ligi u f'dan is-sens wiehed jirreferi ghas-sentenza **"Christine Ellul vs Brian Ellul"** (Citaz. Numru 27/1999) u **"Edwin Naudi vs Antoinette Naudi"** (P.A. (RCP) 27 ta' Jannar 2005).

Illi wkoll trid issir differenza bejn ragunijiet li jistghu jaghtu lok ghal dikjarazzjoni ta' separazzjoni personali u ragunijiet li jistghu jaghtu lok ghal dikjarazzoni ta' annullament taz-zwieg. Ta' l-ewwel jirreferu u jippresumu zwieg validu u kunsens regolarment moghti ghaz-zwieg, izda li fil-kors taz-zwieg inqalghu problemi li jaghtu lok ghat-terminazzjoni tal-obbligu ta' konvivenza bejn il-partijiet, meta fil-kaz ta' annullament taz-zwieg, il-provi ghandhom jirreferu u jindikaw vizzju ta' kunsens fil-

mument taz-zwieg, li allura rrendi l-istess celebrazzjoni taz-zwieg nulla u bla effett.

Illi fil-kuntest ta’ dan kollu jirrizulta li l-attur qed jallega li huwa ltaqa mal-konvenuta meta huwa kellu sittax-il (16) sena u hija kellha tnax-il (12) sena (il-konvenuta tghid li kellha tnax-il u nofs) u kienet ghada s’intendi l-iskola; jghid li kienu ghadhom tfal u jghid ukoll li l-istess relazzjoni kienet giet inkoraggita u animata millum mejta “H”, kugina ta’ ommhom li kienet ghamlet li setghet sabiex tinkoragixxi lill-partijiet sabiex jizzewgu. Skond l-attur il-bidu tar-relazzjoni taghhom kien kollu kemm huwa orkestrat anke mill-familjari tieghu u dan ghaliex it-tnejn kienu gejjin minn familji li qisu lil xulxin bhala familji tajbin. L-attur jghid li meta ltaqa’ l-ewwel darba mal-konvenuta ma tantx ha grazzja maghha pero’ minkejja dan kollu jidher car li r-relazzjoni mal-konvenuta mhux biss bdiet izda kompliet ghal snin shah, tant li l-istess koppja jidher li baqghet tiffrekwenta lil xulxin anke waqt li l-attur ghamel l-ezamijiet kollha post sekondarji, u wkoll waqt il-kors tieghu universitarju; mhux biss izda l-attur, li dejjem jghid li ma kienx migbud lejn il-konvenuta, jammetti li beda jkollu relazzjonijiet intimi maghha u fil-fatt fix-xhieda tieghu kollha tali intimita’ jidher li ezercita’ biss mal-konvenuta u ma l-ebda persuna ohra.

Illi l-istess attur jammetti wkoll li meta qabel beda l-kors tal-ligi beda jmur ghand il-konvenuta kwazi kuljum. Meta dahal ghall kors tal-ligi ma baqax jiltaqa’ daqshekk spiss ghalkemm jghid li biz-zmien kellhom ukoll *“rapporti sesswali kompleti u konna mmorru f’dar tal-genituri tieghi li ma’ kien joqghod fiha hadd……………”. S*ahanistra jghid li f’Awissu 1985 sar l-*engagement* formali u applikaw ghall-plots tal-Gvern u fil-fatt wara ghaxar snin sehh iz-zwieg ta’ bejniethom fl-24 ta’ Ottubru 1987 u il-koppja kellha wkoll zewgt itfal wiehed “I” li twieled fil-5 ta’ Jannar 1991 u l-iehor “J” li twieled fl-14 ta’ Gunju 1995, u dan fi zmien li skond l-attur huwa kien induna li ma kienx jaqbel fuq hafna affarijiet ma’ martu, tant li qed jallega li huwa kien kostrett jizzewweg minhabba li kienu inkoraggati jew imhajra u mistennija jaghmlu dan mill-familjari taghhom, specjalment tenut kont taz-zmien kollu li damu flimkien.

Illi l-istess attur jkompli jixhed li wara t-twelid tat-tieni tarbija bdew iktar u iktar ma jaqblu fuq xejn u l-affarijiet skond l-attur qalbu ghal ghar bil-mewt tal-mama' tieghu fi Frar 1997. Jghid li meta lahaq Registratur tal-Kumpaniji fil-Malta Financial Services f'Gunju 1999 ma kien baqa' xejn fiz-zwieg u dan skond huwa wassal sabiex fid-19 ta' Novembru 2003 isseparaw bonarjament permezz ta' kuntratt pubbliku fl-atti tan-Nutar Joseph Saydon, izda l-koppja jidher li almenu sad-data ta' l-affidavit ta' l-attur kienet ghada qed tghix flimkien sakemm dik li kienet id-dar matrimonjali tinbiegh, ghalkemm jinsisti jghid li jghixu flimkien *"pero' b'mod separat".*

Illi l-istess attur jixhed li sfortunatement kawza ta' dan kollu t-tfal tieghu soffrew izda jidher li skond huma l-istess tfal li accettaw u fehmu s-sitwazzjoni u l-attur jghid li *"t-tfal jafu wkoll bir-relazzjonijiet li ahna ghandna mal-partners rispettivi taghna u accettawhom tajjeb hafna. Huma jkun regolarment mieghi jew ma' Slyvana flimkien mal-partners rispettivi taghna u ghandhom relazzjonijiet tajba maghhom….".* Ovvjament din it-twarma l-istess ulied il-kontendenti ghaddew minnha meta l-istess koppja kienet ghaddejja f'dan l-inkwiet li wassal ghal separazzjoni ta' bejnethom.

Illi din il-Qorti thoss li partijiet sostanzjali mix-xhieda ta' l-attur huma barra minn lokhom u hawn tirreferi ukoll ghal dak appena citat mix-xhieda ta' l-attur, li ovvjament ma ghandha ebda importanza fil-kuntest tat-talba attrici u certament ma taghmel l-ebda effett fuq l-allegat vizzju ta' kunsens *da parte* ta' l-attur; ovvjament f'din il-kawza dak li qed jigi ezaminat huwa l-kunsens tal-partijiet fil-mument taz-zwieg u mhux id-diffikultajiet li sfortunatement il-kontendenti holqu lil uliedhom bid-disgwid fil-hajja matrimonjali taghhom li wassal anke ghad-dikjarazzjoni bonarja ta' separazzjoni personali skond kuntratt indikat li huwa datat 19 ta' Novembru 2003.

Illi dwar dan hemm kuntrast kbir mix-xhieda tal-konvenuta li tghid li ghalkemm il-koppja kienet introdotta permezz ta' l-intervent ta' l-imsemmija "H" meta l-koppja kienet ghada

zghira hafna hija kellha gibda lejn l-attur u tghid bl-iktar mod car u din il-Qorti thoss li sincier u konvincenti li hija kienet thobb lill-attur u tghid ukoll li *“hadd qatt ma kien jisfurzani biex nibqghu flimkien. Fl-eta’ li kelli, qatt ma kien jghaddili minn mohhi haddiehor izda “A” kien il-persuna f’qalbi. Niftakar li kont kuntenta hafna. Jiena dejjem kelli fiducja f’”A” u dejjem fdajtu b’ghajnejja maghluqa”.*

Illi tghid li kienu jkunu hafna flimkien u kienu wkoll intimi ghaliex kienu jhobbu lil xulxin. Kompliet li:-

*“Jiena kont nara li “A” kien ihobbni u qatt ma ghaddieli minn mohhi li dan qieghed mieghi ta’ bil-fors ghax skond jien il-bniedem kien jkun bil-fors ma’ xi persuna ohra, ikun jidher”.*

Illi l-istess konvenuta tghid li qabel ma’ dahal ghall-kors tal-ligi l-istess attur kellu jistenna sena u kien hawn ukoll li kien minn jheddu jqatta’ hafna hin maghha, u hija tghid li ghalkemm kienu zghar meta iltaqghu, meta zzewgu hadu iz-zmien taghhom u fil-fatt meta dan sehh huma kellhom dak li sejhet *“sens u konna maturi”.* Fil-fatt tghid li fiz-zmien l-gherusija taghhom l-istess attur kien jiehu diversi ritratti taghha u dan juri li l-istess attur kellu altru minn interess fiha. Kienu bdew johorgu flimkien u meta l-istess attur kellu karozza kienu jkollom ukoll relazzjoni jew ahjar kif hija sejhet bhala rapporti sesswali anke fid-dar tal-genituri tieghu. Tghid li kien juri interess fiha, u kien juri rispett kbir lejha u kien skond hija stess jikkuntenta f’kollox. Tghid li mhux biss kien hemm imhabba bejniethom u attrazzjoni reciprka izda wkoll formalment taw l-*engagement* u huwa xtralha curkett prezzjuz hafna proprju sabiex juri l-imhabba li kellu lejha. Tghid li kienu huma li ppjanaw it-tieg u hadd qatt ma indahlilhom. Tghid li l-attur ippartecipa f’dan b’mod mill-iktar miftuh u b’qalbu kollha u tghidli huwa *“dejjem ikoopera u ppartecipa minghajr ebda rizerva. Qatt ma wrieni li jinsab imdejjaq jew li qed jaghmel xi haga b’nofs qalb. Irrid inzid li ghalija kont narana koppja idejali entuzjasta biex nizzewgu. Skond jien, it-tnejn konna konvinti minn dak li konna qeghdin naghmlu ghax dejjem ghamilna l-preparamenti mehtiega flimkien”.* Tammetti li kien hemm mumenti li

kienet tibza' li jkollha tfal, izda l-attur dejjem xtaq li jkollu uliedu u kien ghalhekk li ried jizzewweg lilha anke biex ikollu familja maghha, haga li l-konvenuta ghamlita cara li accettat.

Illi minn hawn tispjega kif akkwistaw il-plot, hassbu biex bnew l-istess dar u l-preparamenti li saru flimkien ghat-tieg bejniethom u dawn zammewhom bhala sorpriza mill-ġenituri taghhom hlief meta kien hemm bzonn li jghidulhom peress li l-ispejjez thallsu mill-genituri taghha. Dan iz-zwieg sehh wara ghaxar (10) snin li l-koppja kienu flimkien u tiddiskrivi lill-attur bhala bniedem li dejjem kien matur u bhala avukat kien bniedem ukoll skond hija responsabbli. Ghall-ewwel ghixu ma' omm il-konvenuta izda f'Gunju 1988 marru joqghodu Pembroke. Tghid li hija kienet kuntenta hafna u harget tqila fin-1990 u tghid li t-tnejn kienu kuntenti hafna u tispjega li l-attur kien ihobb hafna lit-tfal u wkoll li kien jippartecipa fit-trobbija taghhom. L-istess gara mat-tieni wild u lilha kien baqa' jhobbha tant li tghid li wara t-twelid ta' kull tarbija kien jixtrilha xi haga tal-brillanti. Tghid li f'Gunju 1999 l-attur lahaq Direttur fl-MFSA u tghid li minn hawn beda jghid li ma setghax jiehu *leave*, qata' li nhar ta' Hadd jmur jiekol ghand omma, u beda' jmur Paceville u jmur tard bil-lejl id-dar tant li tghid li l-attur inbidel minn lejl ghan-nar u *"f'illi jiehu hsieb kollox u f'illi abbandun totali".*

Illi minhabba f'hekk tghid li kollox spicca u l-attur qata' kollox. *"F'hajjitna ahna ghandha partner kull wiehed u ghalhekk sirna indipendenti. Ahna ghamilna separazzjoni fid-19 ta' Novembru 2003 u ghal issa ghadna noqghodu fl-istess dar ghalkemm "A" kwazi jigi biex jorqod biss".*

Illi fil-kuntest ta' dawn il-versjonijiet opposti ghal xulxin u dan mill-kontendenti stess f'din il-kawza din il-Qorti thoss li l-azzjoni attrici assolutament u bla ebda mod ma giet ippruvata fl-ambitu ta' subartikoli citati mill-istess attur fic-citazzjoni tieghu; taht dan l-aspett din il-Qorti thoss li fl-ewwel lok ghandu jinghad li l-versjoni ta' l-attur ma gietx ippruvata fil-grad rikjest mill-ligi u hija kontestata bl-iktar mod konvincenti ghal din il-Qorti mix-xhieda tal-konvenuta, li hija mhux biss iktar versomili, tenut kont ic-

cirkostanzi kollha tal-kaz, (inkluzi kemm damu flimkien il-partjiet qabel iz-zwieg, li kollox gie ppjanat minnhom bil-partecipazzjoni attiva’ ta’ l-attur, kemm damu flimkien il-partijiet, li kellhom zewgt itfal li t-tnejn riedu u haddmu ghalihom u li ghexu ghal hafna snin flimkien bhala kopja sakemm sfortunatament dan iz-zwieg tkisser anke b’rizultat ta’ relazzjoni jew relazzjonijiet ma’ persuni ohra), izda wkoll din il-Qorti thoss li giet ppruvata ghaliex ukoll ikkorrobata mic-cirkostanzi kollha tal-kaz, u bil-mod li l-attur innifsu stess jammetti li kien jittratta lill-konvenuta u lill-istess uliedu.

Illi din il-Qorti thoss li  minn imkien fil-fatt ma gie ppruvat li l-konvenuta b’xi mod issimulat il-kunsens taghha taz-zwieg; anzi l-provi kollha jippruvaw mod iehor li l-istess konvenuta riedet u impenjat ruhha ghall-hajja mizzewga ma’ l-attur li kienet thobb mill-bidu nett u hekk jidher li baqghet taghmel sal-mument taz-zwieg u tul il-hajja taghha mizzewga; certament ma hemm l-ebda vizzju ta’ kunsens minn naha tal-konvenuta fuq il-bazi ta’ **artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255,** u dan qed jinghad anke jekk wiehed jiehu biss l-provi attrici.  Il-kaz jikkrolla kollu meta wiehed ihares u jara biss ix-xhieda tal-konvenuta, li jrendu din l-allegazzjoni ta’ vizzju ta’ kunsens *da parte* tal-konvenuta kompletament frivola u bla ebda gheruq ta’ xejn; anzi l-provi kollha juri li l-konvenuta ghamlet u impenjat ruhha ghall-hajja mizzewga bl-iktar mod dedikat u sincier u li jinghad mod iehor huwa malfamanti ghall-istess konvenuta, haga li din il-Qorti mhux ser ovvjament tippermetti.

Illi dwar il-kunsens taghha abbazi ta’ l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** din il-Qorti thoss li l-istess konvenuta dahlet ghal dan iz-zwieg b’serjeta’ u b’maturita’ kbira riflessa anke bl-imhabba kbira li kellha lejn zewgha u l-impenn qawwi taghha ghall-hajja tal-familja u x-xhieda kollha taghha hija kollha f’dan is-sens u ma hemm ebda dubju li l-konvenuta kellha l-gharfien ta’ l-obbligi matrimonjali u d-dmirijiet essenzjali ghaz-zwieg, kellha l-kapacita; li taghmel evalwazzjoni kritika ta’ l-oggett tal-kunsens, u l-hin kollu biex taghmel dan, u wkoll kellha l-liberta’ gewwinija sabiex taghmel dan.  Fil-fatt iz-zwieg ma’ l-attur

kienet l-iktar haga li xtaqet u kien l-iktar haga li hadmet ghaliha tant li z-zwieg u l-imhabba taghha lejn l-attur litteralment tixghel u tohrog mix-xhieda taghha. Li f'dan il-kuntest ta' din il-kawza l-istess konvenuta tigi akkuzata b'nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju, fid-dawl tal-provi prodotti din il-Qorti thoss li jkun litteralment insult ghall-istess mara u ovvjament din il-Qorti thoss li mix-xhieda kollha prodotta jidher car li l-istess konvenuta tat il-kunsens taghha validament u skond il-ligi u dwar dan ma hemm lanqas il-minimu ta' dubju minn din il-Qorti. L-azzjoni attrici ghalhekk hekk impostata fuq vizzju ta' kunsens *da parte* tal-konvenuta hija kompletament zbaljata u bla ebda bazi ta' xejn u certament ghandha u qed tigi michuda. Ix-xhieda ta' l-attur innifsu u tal-genituri taghha u familjari tal-konvenuta u fuq kollox taghha stess, anke in kontro-ezami huma konferma ta' dan kollu.

Illi ghal dak li huwa vizzju ta' kunsens *da parte* ta' l-attur din il-Qorti thoss li fejn l-azzjoni attrici hija bbazata li l-kunsens ta' l-attur kien b'xi mod simulat skond id-disposizzjonijiet ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255 tal-Ligijiet ta' Malta,** u din il-Qorti thoss li ma hemm assolutament prova ta' xejn dwar dan; anzi l-provi huma fis-sens kuntrarju u cjoe' li z-zewg partijiet impenjaw ruhhom u lejn xulxin ghall-hajja mizzewga u l-ebda parti minnhom, inkluz l-attur ma eskluda posittivament xi element essenzjali taz-zwieg u lanqas kien hemm xi simulazzjoni parzjali fis-sens fuq deskritt u kien indikat fis-sentenza **"Anna Galea vs John Walsh"** (.P.A. (VGD) 30 ta' Marzu 1995). Ma hemm l-ebda prova ta' xejn li l-attur b'xi mod ma kienx intenzjonat li jghix hajja mizzewga ta' ragel mizzewweg u jidher li kien impenjat biex jaghmel dan u fil-fatt ghamel dan u certament li fl-intenzjoni ta' l-attur certament li kien hemm biss l-iskop taz-zwieg u li josserva l-elementi kollha tieghu. Ghalhekk dak li jinghad fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu fir-rigward ta' l-istess subartikolu mhux biss ma giex ippruvat izda lanqas biss irreggi, kemm peress li assulutament huwa ppruvat li l-attur fil-fatt kien jaf x'qed jaghmel u li bl-ebda mod ma ittententa jissimula b'xi mod il-kunsens tieghu – in effetti l-provi kollha juru li kien dispost lejn martu b'kull mod u dan mhux biss b'rispett, izda wkoll b'diversi atti li juru l-

imhabba u wkoll l-affezzjoni lejha u dan kemm fisikament bir-relazzjoni intimi li jammetti li kellu maghha qabel iz-zwieg ukoll u wkoll b'atti li juru l-affezzjoni tieghu lejha u dan anke b'diverzi kumplimenti li huwa qatt ma merihom. Fil-fatt anke qabel iz-z-zwieg jidher li l-istess attur kien konsistenti lejn tragward wiehed u cjoe' lejn iz-zwieg mal-konvenuta u certament kull att tieghu kien jindika dan. Ma hemm xejn mill-provi li l-istess attur ma kienx genwin fl-ghoti tal-kunsens tieghu taz-zwieg u certament mill-provi prodotti ma hemm ebda prova li l-istess kunsens ta' l-attur kien b'xi mod vizzjat abbazi ta' l-imsemmi **subartikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255,** kif fuq espost u kif indikat fis-sentenzi **"Ahmed vs Ahmed"** (P.A. (VGD) 10 ta' Marzu 2000) u **"Tonna vs Tonna"** (P.A. (VGD) 31 ta' Jannar 1996; fi kliem iehor ma hemm l-ebda prova li l-attur b'xi mod eskluda posittivament xi element essenzjali taz-zwieg; fil-fatt la hemm prova tal-mankanza ta' tali intenzjoni li jeskludi xi element essenzjali taz-zwieg u lanqas hemm prova tal-presenza jew ezistenza ta' tali intenzjoni li l-attur b'xi mod jeskludi l-elementi essenzjali taz-zwieg u ghalhekk l-elementi ta' l-**artikolu 19 (1) (f) tal-Kap 255** u l-prova necessarja ta' l-istess, anke skond id-dettami enunzjati fis-sentenza citatat mill-istess attur fil-kawza fl-ismijiet **"Camilleri vs Camilleri"** (P.A. (VGD) 10 ta' Novembru assulutament ma gewx ippruvati mill-attur; anzi gie ppruvat proprju l-kuntrarju. Dan qed jinghad apparti l-fatt li dak li jsostni l-attur fin-nota ta' l-osservazzjonijiet dwar l-istess disposizzjonijiet legali jikkontradixxi dak li huwa qal fl-istess nota ta' osservazzjonijiet dwar l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** jekk it-tifsira ta' l-istess titiehed sal-limitu tal-logika u r-raguni taghha.

Illi dwar l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** din il-Qorti thoss li minkejja dak li l-attur jallega anke fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, dak allegat minnu dwar il-kunsens tieghu fic-citazzjoni attrici u anke fl-affidavit tieghu ma giex ippruvat, anzi jidher u jirrizulta li l-attur kien guvni u ragel serju li ghalkemm ghall-ewwel introdott mal-konvenuta, meta l-istess konvenuta kienet ghada zghira, huwa gharraf jirrispetta u jistabilixxi relazzjoni ta' bejn ragel u mara, f'kull kuntest tal-hajja, u fil-fatt l-azzjonijiet kollha tieghu, bhal taghha kienu immirati ghar-relazzjoni

stabbli li fl-ahhar mill-ahhar wasslet lill-attur sabiex jizzewweg lill-konvenuta, haga li hadem ghaliha huwa u hija flimkien f'kull stadju tar-relazzjoni taghhom, tant li kien jidher car ghal kulhadd, inkluz ghall-partijiet innifishom li kienu destinati ghaz-zwieg. Ma hemm l-ebda dubju li l-partijiet it-tnejn ghalhekk haddmu sakemm wasslu wara ghaxar (10) snin flimkien sabiex jizzewgu – haga li riedu fuq kollox huma stess u haddmu emozzjonalment u b'imhabba u b'impenn fuq l-istess u certament li l-attur kien jaf ezatt ghalhiex diehel u ma kien ibati minn ebda difett ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga u/jew fuq xi elementi essenzjali taghha. Anzi jidher li kif qalet il-konvenuta u kif jidher car mix-xhieda tieghu huwa kien jaghmel kollox bil-galbu u jekk hemm xi prova ta' xi haga fl-atti kollha processwali hija proprju dik tal-maturita' tieghu f'dak kollu li ghamel u dan japplika fuq kollox ghaz-zwieg tieghu mal-konvenuta u kif wasal ghalih, emozzjonalment, umanament u materjalment, fejn deher car li huwa kien jippjana u jahseb fuq kollox qabel ma' jiddeciedi u certament dak li huwa car fil-kaz odjern.

Illi fil-fatt dan jikkonferma li fil-fatt l-istess partijiet ippjanaw z-zwieg taghhom sa' l-inqas dettal, u kellhom il-hin kollu li jaghmlu dan, u fil-fatt dan kollu sehh sforz kemm l-istess koppja kienet vicin ta' xulxin u thobb lil xulxin, b'dan li anke mix-xhieda prodotta jirrizulta li l-istess attur kien ben konxju ta' l-obbligi essenzjali taz-zwieg, kellu l-kapacita' kollha sabiex jevalwa l-kunsens taz-zwieg mal-konvenuta u li jifhem u jizen l-elementi essenzjali ta' l-istess istitut taz-zwieg u fl-ahhar mill-ahhar dan ghamlu bl-ikbar liberta' possibbli, tant li kull min kien jaf lill-istess koppja qatt ma stenna mod iehor, u dan proprju ghaliex dak li kienu juruh l-attur u l-konvenuta. Dan baqa' jissusti wara z-zwieg u kien biss meta inqala' l-imkwiet fiz-zwieg, anke wara li l-istess koppja kellha zewgt itfal, li l-attur beda ghall-ewwel darbi jesprimi dubji fuq ir-relazzjoni tieghu, izda dan sehh biss ghaliex huwa kien beda jfittex ghar-ragunijiet tieghu, li johrog mill-istess zwieg, iktar u iktar meta jidher li fittex siehba ohra.

Illi din il-Qorti ma thossx li b'xi mod l-azzjoni attrici anke abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** giet b'xi mod

ippruvata u dak li l-attur issemmi anke fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu ma jwasslux sabiex l-azzjoni attrici b'xi mod tirnexxi mhux biss ghaliex ma giex ippruvat li kunsens ta' l-attur kien vizzjat abbazi ta' l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255,** izda wkoll u fuq kollox ghaliex gie pruvat posittivament li l-attur kellu d-diskrezzjoni ta' gudizzju necessarja sabiex jifhem, japprezza u jimpenja ruhu ghall-hajja mizzewga u fil-fatt kien jidhem u apprezza l-elementi essenzjali ta' l-istess, tant li l-azzjonijiet tieghu kienu kollha kemm huma jindikaw ragel matur, serju, ta' rispett, li jaf juri l-imhabba tieghu lejn il-konvenuta u hekk fil-fatt kien jaghmel konsistentement, tant li kull min kien jafu ma setghax ma jikkonkludiex li din kienet koppja destinata u li riedet tizzewweg, sabiex tikkonsagra l-imhabba taghha u jkollha familja flimkien.

Illi l-fatt li l-attur setgha f'xi mumenti, u dawn rari f'ghaxar snin qabel iz-zwieg, indika l-biza' tieghu li dan iz-zwieg ma jirnexxiex jew wera xi dubji f'din l-unjoni bl-ebda mod ma jbiddel dak li nghad jew il-validita` tal-kunsens tieghu, u dan fuq kollox ghaliex il-futur huwa mhux maghruf ghal kulhadd u ma hemm certezza ta' xejn fid-dinja – wisq inqas fuq kif ser tmur hajja mizzewga – jekk wiehed jimxi fuq kull dubju li wiehed jista' jkollu kull zwieg huwa annullabbli – izda certament li l-**artikolu 19 (1) (d) tal-Kap 255** ma jistax jigi ridott ghal dan; ghaliex altrimenti wiehed ikun qed iwaqqa' l-istituzzjoni taz-zwieg ghar-redikolu – haga li l-ligi toqghoq attenta li ma taghmilx u sahnistra ghandha prezunzjoni favur il-validita' taz-zwieg u din hija ta' ordni pubblika.

Illi l-fatt li wara hafna snin flimkien dan iz-zwieg sfaxxa jista' u fil-fatt ta lok ghal separazzjoni bejn il-partijiet, izda dan ma ghandu x'jaqsam xejn ma' kawza ta' nullita'. Huwa veru li llum il-gurnata jidher li kull parti accettat din is-sitwazzjoni ta' separazzjoni tant li kull parti tammetti li ghandha dak li kull parti irreferiet bhala *partner* iehor; f'dan is-sens tista' tkun konvenjenti ghall-parti jew ghall-ohra tali dikjarazzjoni ta' nullita' – pero' dan kollu huwa estranju ghad-determinazzjoni legali li ghandha taghmel din il-Qorti, u dan unikament fuq l-allegazzjoni ta' vizzju ta' kunsens kif imposta fl-azzjoni attrici, li ma gietx ippruvata

fuq l-pretensjonijiet kollha attrici, kif gja inghad, u ma gietx lanqas ippruvata skond id-disposizzjoni ta' **l-artikolu 19 (1) (d)** fil-kuntest ta' l-attur. L-argument li t-tfal tal-kontendenti accettaw is-sitwazzjoni attwali kif spjegata mill-partijiet u kif qed jghid li gara l-attur ma ghandha x'taqsam xejn ma' dak li ghandu jigi deciz f'din il-kawza.

Illi fuq kollox li l-fatt li f'xi stadju dan iz-zwieg ma rnexxhiex u li inqalghu diversi problemi waqt iz-zwieg ma huwiex f'din il-kawza konness ma' xi vizzju ta' kunsens ta' xi parti f'dan iz-zwieg, izda biss ghar-ragunijiet u komportament tal-partijiet, jew ta' xi wahda minnhom, li jistghu jaghtu lok u fil-fatt taw lok ghal separazzjoni bejn il-partijiet, izda mhux ghal dikjarazzjoni ta' annullament taz-zwieg.

Illi dwar ix-xhieda ta' hut l-attur din il-Qorti ma thossx li tali xhieda hija kredibbli u dan fuq kollox ghaliex jidher li l-istess ahwa rrepetew dak li qal l-attur illum f'din il-kawza u wkoll invista' ta' dak li kkumentat l-istess konvenuta dwar ix-xhieda ta' l-istess; fuq kollox ma hemm l-ebda dubju li qabel ma' sehh dan iz-zwieg l-attur qatta' hafna zmien, hin u snin mal-konvenuta u r-relazzjoni taghhom kien wahda stabbli, amoruza, u intima, u kienu jafdaw l-iktar lil xulxin u kienu jesprimu ruhhom ma' xulxin b'mod liberu izda fl-istess hin kienu jzommu l-affarijiet taghhom bejniethom u f'dan is-sens ma kienu jaghtu konfidenza lil hadd fuq dak li kien personali ghalihom. Bhala prova li inqala' l-inkwiet fiz-zwieg, jidher li dan ma hemm l-ebda dubju dwaru, u llum is-sitwazzjoni hija sfortunatament dik li hi.

Illi ghalhekk fid-dawl ta' dan kollu t-talba attrici ghandha tigi michuda u it-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta ghandhom jigu milqugha. L-ewwel eccezzjoni qed tigi michuda *stante* li hija bla ebda bazi legali.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta, u filwaqt li tilqa' t-tieni u t-tielet eccezzjoni tal-konvenuta, **tichad it-talba attrici** ghaliex tali talba kif proposta hija fattwalment u legalment bla ebda bazi u hija

ghalhekk infondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet kollha hawn indikati f'din id-decizjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------